Minuti tas-seduta numru erbatax (14) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR), li nżammet nhar l-Erbgħa, 8 ta' April 2020 on line fuq Skype fis-6.15pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| | Is-Sur Marco Scerri | Amministratur tal-Uffiċċju |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**14.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji u t-talba** **Ittri ta' Aploġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi is-Sur Nazju Cassar ma setgħax ikun magħna llejla minħabba li ma rnexxilux jidħol fuq Skype. Dan kien skużat.

**14.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru tlettax (13)** **Minuti 13**

Il-Minuti kienu mgħoddija għall-vot wara li sarulhom xi korrezzjonijiet li għaddew il-kunsillieri permezz ta' e-mail minn qabel u dawn kienu proposti mis-Sindku is-Sur Sandro Craus u u ssekondat mis-Sur Ian Vassallo u eventwalment kienu approvati unanimament. Ma setgħux ikunu ffirmat dak il-ħin minħabba li l-laqgħa kienet on-line.

**Punti mill-Minuti:**
Se tinkiteb ittra biex nirringrazzjaw lill-Ministru tat-Turiżmu, l-Onor Julia Farrugia Portelli, lis-Segretarju Parlamentari li għandu taħt id-dekasteru tiegħu l-indafa pubblika, l-Onor Deo Debattista kif ukoll lid-Direttur Indafa Pubblika is-Sur Ramon Deguara għas-sapport li sibna biex fir-Rabat kienu diżinfettati diversi zoni ffrekwentati mill-pubbliku bħall-Pjazza tal-Parroċċa, Wesgħet il-Mużew, is-Saqqajja ecc.

**14.03 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 24 u Ċedola tal-pagamenti numru 305** **Ċedola tal-Pagamenti u Ordni tax-xogħlijiet**

Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 305 u dik tal-Purchase/Works Orders numru 24 b'vot unanimu bil-propost u s-sekondant kif muri fuq l-istess dokumenti.

Dwar ix-xiri taż-żewġ *shredders,* kien hemm suġġeriment illi naraw jekk ikunx

hemm interess biex jinbiegħu il-karti mqattgħin.

## 14.04 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**Mistoqsijiet**

**Refurbishment tal-fond 8 Triq l-Isptar**

Is-Sur Ian Vassallo staqsa jekk hux qed isir xogħol fuq il-binja tal-KLR ta' Triq l-Isptar. Bħala tweġiba intqal illi għadna ma ħriġniex l-offerta pubblika għax m'għandniex stimi. Intant irridu nsolvu d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom is-Sovratendenza Patrimonju Kulturali dwar it-tħaffir minħabba l-lift tal-passiġġieri.

## 14.05 Proposta riveduta minn Transport Malta għall-Immaniġjar tat-Traffiku għall-Pjazza tal-Baħrija (Marzu 2020) – site plan inkluża

**Immaniġġjar aħjar tat-traffiku fil-Pjazza tal-Baħrija**

Dwar il-proposti parkeġġi tal-Baħrija minn Transport Malta, kien hemm qbil illi noħolqu diskussjoni peress li se joħroġ it-tender tal-*playground* fl-istess zona. Il-KLR hu tal-fehma illi filwaqt li jaqbel fil-prinċipju, jara jekk dak propost hux se jintlaqa' mir-residenti tal-Baħrija billi noħolqu diskussjoni, filwaqt li fl-istess tender se jkun hemm il-provediment ta' *dog bins* u *cctv* u bandla għal persuni b'diżabilità. Kien hemm suġġeriment biex tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizija u l-Uffiċjali tal-Komunità biex dawn l-inħawi jkunu sorveljati nhar ta' Ħadd meta l-aktar li jkun hemm nies fil-Baħrija. Proposti oħra li qamu mill-kunsillieri kienu dwar l-introduzzjoni ta' s*olar lights* u jekk għandux jinbidel il-*bus shelter* tal-Pjazza tal-Baħrija. Kien deċiż illi jsiru diżinji 3D bl-auto cad kemm tal-bandli kif ukoll tal-Pjazza tal-Baħrija u trid issir diskussjoni dwar jekk parti mil-latrina għandiex issir uffiċċju komunitarju. Id-diskussjoni ssuktat bil-proposti jekk għandux ikun hemm ġnien biss jew bandli biss jew jibqa' kif inhu jintuża mill-kbar għall-mistrieħ u mit-tfal għal-logħob. Se naraw jekk il-Perit jagħtiniex iż-żewġ kunċetti bi predominanza fuq il-bandli u fuq il-ġnien rispettivament; minkejja li s-Sur Chris Farrugia saħaq li bandli hu indispensabbli għaliex fil-Baħrija hemm ħafna siti fejn wieħed jista' jintasab fuq bank għall-kwiet. Intant Dr Karl Muscat saħaq sabiex fl-istess ġnien jitwaħħlu wkoll *cat shelters* u *dog bins* kif ukoll biex tinħoloq pjanura fejn wieħed ikun jista' joħroġ b'tapit u jkun jista' jagħmel l-eżerċizzju bħall-*yoga.*

## 14.06 Estenzjoni tal-kuntratt tat-Tindif tal-Uffiċċju T/163/17 (2/1/18-1/1/2020)

**Tindif tal-Uffiċċju**

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jġeddidx il-kuntratt tat-Tindif tal-Uffiċċju u kien propost li dan ikun terminat minnufih. Sadanittant se naraw jekk persuna li ssemmiet b'isimha bħala għandiex Vat number u naraw jekk taċċettax li tibda' toffri dan is-servizz. F'dan il-punt intqal illi it-*treshold* ta' persuna biex tibda' tħallas il-Vat fuq tindif hu ta' Eur14,000 u l-individwu jkun jista' japplika bħala v*at exempt.*

## 14.07 Estenzjoni tal-kuntratt tas-Servizzi tal-*Handyman* T/162/17 (8/1/18-7/1/2020)

**Kuntratt tal-Handyman**

Kien diskuss il-kuntratt tal-Handyman filwaqt li xi kunsillieri qalu illi qed naqilgħu il-kritika minħabba li dan għandu wkoll *tenders* oħra tal-kunsill u jista' joħloq kunflitt ta' nteress. Is-Sindku qal illi il-*handyman* jista' jiffoka aktar fuq l-indafa u l-irwol tiegħu għandu jkun jixbaħ lil dak ta' *Contract Manager* li jissorvelja il-kuntratti tat-tindif. Kien hemm qbil illi dan għandu jiġġedded għal

sena skont l-eżigenzi tal-Kunsill bil-premessa li is-Sur Paul Tanti jinbidel l-irwol tiegħu.

**14.08 Estenzjoni tal-kuntratt tal-Accountant T165/18 (1.5.18-30.4.20)** **Kuntratt tal-Accountant**

Kien deċiż b'vot unanimu illi jiġi mġedded il-kuntratt tal-*accountant* li bħalissa qed tagħmel ukoll il-book keeping, l-iskeda tal-pagamenti u l-payroll tas-Sra Romina Perici Ferrante. Dan se jkun imġedded għat-tielet sena.

**14.09 Estenzjoni tal-kuntratt tal-Avukat T166/18 (21.5.18-20.5.20)** **Kuntratt tas-servizzi legali**

Kien deċiż illi l-kuntratt tas-servizzi legali ta' Dr Simon Cachia ma jkunx imġedded għat-tielet sena. Dan bi qbil unanimu mill-kunsillieri u f'każ li niġu bżonn parir ta' avukat se jitqabbad ad hoc l-Avukat Richard Sladden.

**14.10 Ħruġ tal-Offerta tal-Bandli tal-Baħrija inkluż is-sistema tas-cctv.** **CCTV cameras mir-Reġjun Tramuntana u Ħruġ ta' Offerta Pubblika għall-Bandli**

Is-Sur Matthew Chetcuti tkellem dwar il-proposta mir-Reġjun Tramuntana fejn tkellem fuq iż-żewġ cctv cameras. Hu qal illi fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun iddiskutew dwar jekk dawn humiex se tieħu ħsiebhom l-Aġenzija LESA peress li qed jissuġġerixxu illi jkunu f'postijiet traffikużi. Il-KLR se jsostni bil-proposta tiegħu illi waħda minn dawn tkun installata fil-Ġnien tal-Baħrija u l-oħra f'dak ta' Bir Iljun kif kien komunikat lilhom.

Intant il-KLR qabel b'vot unanimu mad-dokument tal-offerta propost mal-agenda illi joħroġ kif inhu għall-offerta pubblika.

**14.11 Kuntratt ta' lease (vettura żgħira tal-Kunsill)** **Kiri ta' Peugeot 208**

Il-kunsillieri analizzaw il-proposta tal-lease agreement li sar fuq il-karozza Puegeot 208 tal-kiri tal-Kunsill u kien hemm mistoqsija waħda dwar min hu inxurjat. Se tingħata tweġiba fis-seduta li jmiss. Il-*lease agreement* għadda unanimament bil-proponent ikun is-Sur Matthew Chetcuti u s-ssekondant tkun is-Sra Doris Coleiro.

**14.12 Kuntratt ta' *lease* ta' telefon ċellulari għas-Segretarju Eżekuttiv** **Kuntratt tat-telefonija ċellulari**

Kien hemm qbil unanimu dwar il-kuntratt propost tat-telefonija tas-Segretarju Eżekuttiv mal-Go plc biex l-ispejjeż ikun assorbiti mill-KLR minħabba xogħol.

**14.13 Punti Oħra**

**Restawr**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem ukoll fuq ir-restawr tal-erwieħ fuq il-faċċata taċ-ċimiterju ta' Sta Margerita li għalih nistgħu niggwadanjaw Eur10,000 f'fondi ewropej. Għal dan saret l-istima tal-Perit Charles Buhagiar u din tammonta għal Eur25,000. Dwar dan il-proġett id-Dipartiment tas-Saħħa (Sanita') wiegħduna li se jgħinuna filwaqt li fiha għadna ma daħħalniex lill-MTA u l-Awtorita' tal-Artijiet. Propju llum kellna l-go *ahead* mis-Sovratendenza Patrimonju Kulturali. Tkellem dwar din l-applikazzjoni wkoll l-Amministratur tal-Uffiċċju li qiegħed ilaqqa' d-dokumentazzjoni kollha.

**Vjal il-Ħaddiem**

Is-Sur Ian Vassallo tkellem dwar il-*blind corner* li hemm fi Vjal il-Ħaddiem filwaqt li fuq l-istess triq tkellem ukoll is-Sur Chris Farrugia fejn qal illi għandu jersaq aktar lejn ħanut *Luxonas* il-bus stop li hemm bi dritt l-ieħor tal-faċċata tiegħu biex ma jkunx hemm problema illi meta jieqfu żewġ xarabankijiet jagħlqu t-triq kompletament.

**Infurzar fit-traffiku**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi porpju llum fil-viċinanzi ta' Pjazza Forok jidher li kien hemm xi ħadd li qabad u għalaq it-triq mingħajr permess u kien hawn staġnar fit-traffiku. Għal dan il-għan kien hemm qbil illi nappellaw għal aktar infurzar mill-Pulizija u l-Uffiċjali tal-Komunità.

**Disabled parking bay fi Triq Inguanez**

Is-Sur Chris Farrugia semma' wkoll il-kaxxa tal-parkeġġ tad-*disabled* li biex ingħatat it-tarmak Triq Inguanez ovjament kellha titħassar bħalma tħassru wkoll il-parkeġġi kollha. Se naċċertaw ruħna li din terġa ssir mill-ġdid.

**Social Distancing – Corona Virus**

Dwar il-bankijiet li għandna mxerrdin mar-Rabat kollu u d-direttivi tas-*social distancing* maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa minħabba l-pandemija tal-Corona Virus, intqal illi mhux osservati d-distanzi, anke saħansitra f'postijiet prominenti bħal Wesgħet il-Mużew.

**Epos fil-Kunsilli Lokali**

Il-KLR qabel unanimament illi l-ħlasijiet li jintlaqgħu fuq il-*front office* għandhom jiġu ffaċilitati kif propost mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, permezz tal-EPOS machines li se jkunu introdotti fil-KLi. Intant se naraw x'se jkunu iċ-charges.

**Latrina Pubblika ta' Triq il-Kulleġġ**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus aġġorna lill-kunsillieri fuq ix-xogħol li qed isir fuq il-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ. S'issa inqalgħu il-bibien l-antiki u diversi aċċessorji tal-kmamar tal-banju biex ikunu jistgħu jinbidlu. Intant is-Sur Chris Farrugia qal illi ġaladarba se nirranġaw il-latrina pubblika, jagħmel sens illi nirranġaw il-funtana li ilha wieqfa ħafna, li hemm biswit il-latrina pubblika, filwaqt li s-Sra Doris Coleiro talbet illi jinxtgħelu d-dwal li hemm fl-art taħt l-arkati sabiex jiġi proġett wieħed komplut.

**Arloġġ tax-xemx**

Is-Sur Chris Farrugia staqsa dwar ir-restawr tal-arloġġ tax-xemx mal-faċċata tal-Mużew Wignacourt. Dwar dan qed isiru l-arranġamenti ma' Dun Gwann Azzopardi u mas-Sur Joe Calleja li kienu kkuntattjati ftit tax-xhur ilu biex isir condition report, applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar, ħruġ ta' offerta pubblika / stimi ecc.

Is-Sindku, is-Sur Sando Craus tkellem fuq proġetti oħra fejn se jsir ir-restawr, fosthom dak tan-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq San Pawl. Hu qal illi l-applikazzjoni imxiet mal-Malta Toursim Authority u issa qiegħda fil-fażi li jkun indirizzati rapporti bħall-Works Method Statement. **Niċċa tal-Madonna tal-Karmnu**

Dwar persuni li bħalissa qed ibatu minħabba l-imxija tal-Covid 19, kien deċiż illi l-KLR jgħin soċjalment lil persuni li jkunu jinħtieġu l-għajnuna, billi nikkordinaw biex ngħinuhom. Kien deċiż illi l-kunsillieri jindagaw min huma dawn il-persuni ħalli noffru l-għajnuna tagħna f'punt illi pajjiżna intlaqat minn din l-imxija u ninsabu f'sitwazzjoni bla preċedent – kulħadd imsakkar f'daru. **Covid 19 – Nies batuti**

Is-Sur Ian Vassallo u s-Sra Doris Coleiro tkellmu dwar il-problema tat-traffiku fi Triq Ġorg Borg Olivier u Triq Ħal Bajjada fejn insistew biex ma jgħaddux vetturi tqal. Hawn inħass il-bżonn li jkun infurzat dak li kien maqbul snin ilu dwar it-traffiku f'dawn it-toroq. **Vetturi goffi f'toroq dojoq**

Is-Sur Matthew Chetcuti fakkar fil-*Crash Barrier* li trid titranġa fi Triq Ħal Tartarni. Se ninfurmaw lil Transport Malta biex din issir b'mod mgħaġġel għal ġid tas-sewwieqa. **Crash Barrier**

L-Amministratur tal-Uffiċċju, is-Sur Marco Scerri ta spjega tal-iskeda tad-dħul u l-infieq previst fil-futur bbażata fuq ix-xahar ta' Marzu u ċ-ċirkustanzi tal-kuntratti attwali. Is-Sur Chris Farrugia semma' xogħlijiet li kien hemm qbil li jsiru sa mil-leġislatura l-oħra bħax-xogħol fuq il-bankina f'tal-Virtù u anke l-funtana msemmija. Is-Sur Scerri qal illi għandna nagħmlu l-costings tagħhom. **Brief mill-Amministratur tal-Uffiċċju dwar il-qagħda finanzjarja**

**14.14 Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** **Aġġornament**

Il-Kunsill temm il-laqgħa tiegħu fid-9.00pm u se jiltaqà nhar l-Erbgħa 29 ta' April fis-6.00pm fuq Skype.

| **(IFFIRMATA)** | | **(IFFIRMATA)** |
|---|---|---|
| Magħmula minn Anthony Bonello<br>Segretarju Eżekuttiv | u approvati llum 29.4.2020 minn | Sandro Craus<br>Sindku |